MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 106/2001/1

**Dr. Anthony H. Farrugia**

**vs**

**Raymond Vella u okkorrendo Anthony Vella**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-intimat Raymond Vella huwa l-kerrej tal-fond 91 A u B, Republic Str., Valletta lieam fond gie mikri bhala hanut mir-rikorrenti fl-1983, bil-kera ta' Lm48.00 fis-sena pagabbli kull sitt xhur, bl-ewwel skadenza li jmiss fl-1 ta' Jannar, 2002.

Illi l-fond imsemmi kien originarjament inkera bhala hanut izda prezentement dan il-fond m'ghadux jintuza ghall-istess skop u ilu maghluq ghal diversi snin.

Illi inoltre l-intimat jidher li ghadda l-fond lil huh Anthony Vella, li qed juzah bhala ‘store’ u ppretenda li r-rikorrenti ghandu jirrikonoxxi lill-istess Anthony Vella bhala kerrej.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni u okkorendo tordna l-izgumbrament tal-intimat Raymond Vella jew kull intruz li talvolta jinstab fil-fond.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta

Illi t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez, kif se jirrizulta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha.

Ra l-verbal tal-11 ta’ Settembru, 2002.

Ikkunsidra

1. L-intimati ghalkemm ipprezentaw risposta fir-Registru tal-Qrati qatt ma deheru ghas-seduti u jidher li m’ghandhom l-ebda interess.

2. L-ewwel kawzali tar-rikorrent hi

“Illi l-fond……kien originarjament inkera bhala hanut izda prezentement dan il-fond m’ghadux jintuza ghall-istess skop u ilu maghluq ghal diversi snin”.

3. Il-bord ghandu quddiemu xhieda wahda, dik tar-rikorrent li stqarr li l-fond inkera bhala hanut, inzamm maghluq ghal snin twal u beda’ jintuza bhala ‘store’. Hekk l-ewwel kawzali tar-rikorrent giet pruvata w m’hemmx htiega li l-Bord jghaddi ghal kawzali l-ohra.

Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrent msejsa fuq l-ewwel kawzali, u jawtorizzah jerga’ jiehu f’idejn il-fond 91A u B, Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta: ghat-tkeccija qed jaghti zmien xahar m’illum; l-ispejjez kollha jithallsu mill-intimat Raymond Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------